

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1064

tat-2 ta' Lulju 2015

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-3 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/354/PESK ⁽¹⁾ li estendiet il-mandat ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2013.
- (2) Fid-9 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/447/PESK ⁽²⁾ li emendat id-Deċiżjoni 2013/354/PESK u li estendiet il-missjoni ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015.
- (3) Wara r-Reviżjoni Strateġika ta' EUPOL COPPS, il-Missjoni għandha tiġi estiża għal perijodu addizzjonali ta' 12-il xahar, sat-30 ta' Ġunju 2016.
- (4) Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.
- (5) EUPOL COPPS ser titwettag fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/354/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta ma' EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014 għandu jkun EUR 9 570 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta ma' EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015 għandu jkun EUR 9 820 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta ma' EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016 għandu jkun EUR 9 175 000";

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/447/PESK tad-9 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 201, 10.7.2014, p. 28).

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 12a

Ċellula ta' proġetti

1. EUPOL COPPS għandha jkollha Ċellula ta' Proġetti għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti li huma konsistenti mal-oġġettivi tal-Missjoni u li tiffaċilita t-tweqqif tal-mandat. EUPOL COPPS għandha, kif adatt, tiffaċilita u tagħti pariri dwar proġetti, implimentati mill-Istati Membri u minn Stati terzi, taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'oqsma relatati ma' EUPOL COPPS u b'appoġġ għall-oġġettivi tagħha.

2. Soġġetta għall-paragrafu 3, EUPOL COPPS għandha tkun awtorizzata li tagħmel rikors għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni u l-Istati Membri jew l-Istati terzi għall-implimentazzjoni ta' proġetti identifikati li jissupplimentaw b'mod konsistenti azzjonijiet oħra ta' EUPOL COPPS, fejn il-proġetti jkunu:

(a) previsti fid-dikjarazzjoni finanzjarja relatata ma' din id-Deċiżjoni; jew

(b) integrati matul il-mandat permezz ta' emenda tad-dikjarazzjoni finanzjarja fuq talba tal-Kap tal-Missjoni.

Ladarba l-Kummissjoni jew dawk l-Istati jkunu formalment ipproponew li l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom tiġi ġestita minn EUPOL COPPS, EUPOL COPPS għandha tikkonkludi arranġament mal-Kummissjoni jew dawk l-Istati, li jkopri b'mod partikolari l-proċeduri speċifiċi għat-trattament ta' kull ilment minn partijiet terzi dwar ħsara kkawżata bħala riżultat ta' atti jew ommissjonijiet minn EUPOL COPPS fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

L-Istati kontribwenti fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jżommu lill-Unjoni jew lir-RGħ responsabbli għal atti jew ommissjonijiet minn EUPOL COPPS fl-użu tal-fondi pprovduti minn dawk l-Istati.

3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni, l-Istati Membri jew l-Istati terzi għaċ-Ċellula ta' Proġetti għandhom ikunu soġġetti għall-aċċettazzjoni mill-KPS.”;

(3) Fl-Artikolu 15, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2016.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2015.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ASSELBORN